**KUNSILL LOKALI KALKARA**
1 BINJA TAS-SALVATUR, TRIQ LUIGI PISANI, KALKARA
WEBSITE: www.kalkaralocalcouncil.com TEL: 21665500
EMAIL: kalkara.lc@gov.mt FAX: 21665566

**Seduta Nru:** 10-12

**Data: 24 ta' Settembru** 2012

**Hin:** 6.00p.m

**Post:** Ufficcju tal-Kunsill Lokali

**Membri Prezenti :** Michael Cohen - Sindku
Norbert Grech - Vici Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Speranza Chircop – Kunsilliera
Roderick Mizzi – Kunsillier - skuzat

**Minuti** :

1. **Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tas-seduta nru; 09.12 gew moqrija u approvati b'vot unanimu fuq proposta tas-Sindku is-Sur Michael Cohen u sekondati mill-Vici Sindku Norbert Grech wara l-korrezzjoni fuq punt nru 3.2 fejn minflok Skema Nru 2 ghandha tigi korretta bi Skema Nru 1.

**2. Punti mqajjma mill-Minuti:-**

2.1 *Devoluzzjoni tal-Art.*

Il-Kunsill ghadu ma rcieva l-ebda risposta.

2.3 *Xogholijiet ta' resurfacing ta' Toroq - Konferenza Stampa fi Triq Patri Mattew Sultana*.

Il-Kunsill ghandu nformazzjoni li hemm korrispondenza ghaddejja bejn residenti fit-triq imsemmija u Transport Malta dwar is-suggett imsemmi. Transport Malta infurmat lil dawn l-istess residenti li se jsir dak kollu possibli sabiex it-Triq imsemmija ssir sal-ahhar tas-sena. Ghalhekk il-Kunsill ser jistenna xhar iehor umbghad tissejjah konferenza stampa kif kien miftiehem qabel.

2.4 *Xoghol fl-Isqaq l-Ixprunara.*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nbidel il-kuntrattur tal-WSC u x-xoghol huwa mahsub li jibda

lejn l-ahhar ta' Ottubru 2012. Kif diga ntqal qabel, l-orhos kuntrattur li tefa is-sejha ghall-offerti kien il-Uniking u li dan se jissupplixxi il-Lava Slabs ghall-Isqaq l-Ixprunara kif ukoll ghall-Sqaq Marina Nru 1. Il-Kunsill ser japplika ghall-fondi tal-UIF sabiex isir l-isqaq Nru 1 bil-pavimentar bhal dak tal-Isqaq l-Ixprunara.

2.5 *Skema Nru 1 tal-Awtorita tad-Djar.*

Il-Progett il-gdid li gie propost mill-Kunsill ghal din l-iskema gie approvat u llum stess bdiet il-hidma fuq il-progett. Ix-xoghol ta' kostruzzjoni kif ukoll is-sistema tad-dawl, ser isiru mill-kuntratturi li ghandhom il-kuntratt filwaqt li ghax-xiri tal-lampi u r-railing ghandhom johorgu zewg sejhiet ghall-offerti.

## 3 Komunikat mis-Sindku approvazzjoni ta' xogholijiet.

3.1 *Xogholijiet.*

3.1a Gnien tal-Iskola – Ix-xoghol qieghed isir nhar ta' Tnejn, l-Erbgha u l-Gimgha minn zewg haddiema assenjati mal-Kunsill. It-Tlieta u l-Hamis dawn il-haddiema ser ikunu qed iduru l-hadid li hemm mal-iskips.

3.1b Is-Sindku qal li mal-konsenja tal-fjuri li jmiss, ghandhom jithawwlu l-fjuri fil-pots ta' mal-hadid fid-dahla tal-Kalkara.

3.1c Is-Sindku qal ukoll li x-xoghol fl-ufficcju qed jigi ffinalizzat, u li ghandhom jitpoggew pjanti u purtieri godda ghall-ambjent isbah. Meta dan jitlesta minn kollox jigi mistieden id-direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

3.2 Greenpak – Il-Kumpannija Greenpak se terga tqassam il-boroz f'kull dar flimkien mal-fuljett bil-linja gwida kif ghandha ssir is-separazzjoni tal-iskart.

## 4. Korrispondenza.

4.1 *Stedina mill-Kappillan.*
Il-Kunsill Lokali rcieva stedina mill-Kappillan tal-Parrocca tal-lokal ghall-okkazjoni taz-zjara tal-Arcisqof ta' Malta. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera gew mistiedna ghal dawn iz-zewg laqghat mal-Arcisqof.

4.2 *Skema ta Impjieg Inklussiv fil-komunita.*
Ghal din l-iskema mahruga mill-ETC, il-Kunsill ser ikun jista jimpjega persuna b'disabilita' fil-lokal tieghu ghal tlett snin, u minghajr hlas. Il-Persuna mghazula tigi mhallsa mill-Gvern Centrali. Ghal din l-iskema l-Kunsill Lokali ser ikun qieghed jitlob kordinatur ghall-korsijiet tat-Teknologija tal-Informatika bhala l-ewwel priorita, it-tieni tkun dik tal-post tal-librar, u it-tielet priorita tkun dik tal-pozizzjoni ta' gardinar.

**5. Hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv.**

Is-Sindku fakkar lill-Kunsill li huwa marbut bil-ligi li jahtar Deputat Segretarju Ezekuttiv sabiex fil-kaz li s-Segretarja Ezekuttiva tkun assenti mill-Ufficcju ghal tul ta' zmien, il-Kunsill ikun jista jibqa jahdem, kif mitlub bil-ligi. Ghalhekk fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill approva b'vot unanimu lis-Sur Brian Loffreda, Ufficjal fl-iskala 11 fil-Kunsill Lokali ta' Bormla u membru fil-pool tas-Segretarji Ezekuttivi prospettivi. Dwar din il-hatra ghandu jigi nfurmat id-direttur ghall-Gvern Lokali.

**6. Vakanza ta' Librar fil-Librerija Lokali.**

Is-Sur Charlo Galea, il-librar fil-librerija lokali tefa r-rizenja tieghu b'effett mill-ewwel ta' Jannar, ghalhekk il-Kunsill Lokali flimkien mad-Dipartiment tal-Libreriji ser johrog sejha ghal-librar/a.

**7. Jum il-Kalkara.**

Is-Sindku qal li din is-sena l-10 ta' Dicembru ser ikun it-Tnejn, ghalhekk gie propost li dak inhar issir Jum il-Premjazzjoni fl-Iskola Primarja. Il-Kuncert Muzikali ghal din is-sena jsir is-Sibt 15 ta' Dicembru 2012 filghaxija. Il-Kunsill qabel mal-proposti tas-Sindku. F'tahdita li kellu s-Sindku mas-Sur Farrugia tal-Fondazzjoni Wirt Artna dan tal-ahhar wera l-hsieb li fl-okkazjoni ta' Jum il-Kalkara dan jorganizza open day tal-Fortizza Rinella. Il-Kunsill jixtieq li din l-open day issir bla hlas ghar-residenti Kalkarizi u ssir nhar il-Hadd 9 ta' Dicembru 2012. Il-Kunsilliera Maria Sultana ppproponiet li meta t-tfal tal-iskola izuru l-fortizza nhar l-10 ta' Dicembru f'Jum il-Kalkara, dawn jidhlu bla hlas. Din il-proposta ghandha tintbghat lis-Sur Mario Farrugia ghall-approvazzjoni tieghu.

**8. Plakka Kommemorattiva taz-Zjara tal-Papa Benedittu XVI.**

Is-Sindku qal li wara li kienet harget sejha lir-residenti ghal min jixtieq jghaddi xi idea jew disinn marbut maz-Zjara tal-Papa Benedittu XVI fil-Kalkara, u hadd ma kien interessat, jew ma ta kaz, din il-proposta. Is-Sur Ivan Cauchi ghadda disinn sabih abbinat ma dan l-avveniment. Is-Sindku qieghed jipproponi li jsir mafkar bid-disinn li ghadda s-Sur Cauchi u dan isir fil-parti d-dejqa tal-Gnien Papa Benedittu XVI. Huwa qieghed jipproponi dan il-post minhabba l-fatt li l-Eccellenza tieghu il-Papa kien ghadda mix-Xatt tal-Kalkara fiz-zjara tieghu, ghalhekk dan il-mafkar ma jistax isir f'post iehor peress li ma jkunx jaqbel mat-tema ta' dan l-avveniment.
Ghalkemm kien hemm opinjonijiet differenti dwar l-ghazla tal-post ma kien hemm l-ebda proposta ohra ghajr dik proposta mis-Sindku.

**9. Approvazzjoni tal-Lista ta' Pagamenti.**

Giet approvata wkoll il-lista tal-pagamenti bin-numru tar-referenza 10/12.

**10. Aggornament**

10.1 Il-Vici Sindku Norbert Grech qajjem dawn il-punti:

10.1a Staqsa dwar l-ispralli/culverts ta' Triq ix-Xatt. Is-Sindku qal l-ispralli huma kollha nodfa. Huwa qal li ghandu jigi l-bowser sabiex jiftah dawk il-culverts mizdudin bis-sucker, ta' quddiem il-Viris take away. Fil-kaz li anke bil-bowzer dawn jibqghu ma jinfethux, dawn jinghalqu.

10.1b Isir bank iehor fil-pjazzetta fi Triq Santu Rokku u jsir iehor fejn ir-red house. Is-Sindku qal li dan tal-ahhar isir tal-konkos, filwaqt li tal-pjazzetta jitwahhal wiehed tal-injam minflok dak li hemm.

10.1c Nuqqas ta' ndafa fl-Isqaq Nru 2, minhabba hmieg tal-qtates. Is-Sindku qal li ser tingibed l-attenzjoni tal-kennies sabiex dan jitnaddaf aktar spiss.

10.1d Lampi mitfija fi Triq il-Missjoni Taljana, is-Sindku qal li dawn diga rrappurtati.

10.1e Hmieg u karozzi mitluqa fi triq il-Konvoy Santa Marija. Is-Sindku qal li ser ikellem lill-persuna involuta, u f'kaz li s-sitwazzjoni ma titrangax, jintbghatlu avviz.

10.1f Titnaddaf l-ghalqa ta' Triq il-Hbit mill-Ajru. Is-Sindku qal li dik hija art privata u l-Kunsill ma jistax jidhol fiha.

10.2 Il-Kunsilliera Maria Sultana qajjmet dawn il-punti:

10.2a Talbet sabiex jinqalghu s-sigar taz-zebbug li gew ivvandalizzati fi triq Santa Filumena. Hija pproponiet li jergghu jithawwlu.

10.2b Jerghu jitqassmu l-fjuri fit-toroq li kien fadal.

10.2c Terga tinzebah iz-zebra cross ta' fejn l-iskola.

10.2d Terga titpogga l-Iskip ta' Triq il-Missjoni Taljana. Is-Sindku qal li dik ser terga titpogga meta tissewwa.

10.2e Hija talbet li jinzebah double yellow line flok single quddiem id-dahla tal-garaxx fi Triq Ganni Raimondu.

10.3 Il-Kunsilliera Speranza Chircop qajjmet dawn il-punti:

10.3a Giet avvicinata mill-ispizjara tal-lokal sabiex il-Kunsill jirrangalha xi kanen fil-bitha minhabba li dahlilha drenagg bix-xita li ghamlet. Is-Sindku fakkarha li l-Kunsill jistax jghamel xogholijiet mill-bieb il-gewwa ta' residenti jew individwi.

10.3b Giet avvicinata mis-Sur Gauci ta Triq Anglu Agius fejn dan ilmenta li ghandu l-bankina ta quddiemu imxaqqa. Is-Sindku qal li dik ixxaqqet meta sar ix-xoghol mill-individwu fir-residenza tieghu.

10.3c Jithawwlu l-pots tax-Xatt.

10.3d Harga Kulturali ghall-Irgiel fil-Car Museum fil-Qawra f'Ottubru.

10.3e Ser isiru korsijiet ghall-Makeup u Beauty care, Cottage Craft, Aerobics u Zumba.

Is-Seduta spiccat fit-8.00 ta' filghaxija u aggornata Sine Dia.

M.Cohen<br>Sindku

S Galea Iriele<br>Seg Ezekuttiv